## Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**
**vs**
**Joseph Micallef**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta` Joseph Micallef, ta' 52 sena iben Francis u Violet nee Borg Cardona, imwieled fil-5 t'Ottubru 1951 u residenti 24, Triq Tal-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ u li permezz tagħha ġie imħarrek talli nhar it-13 ta' Frar 2014 għall-ħabta tat-08:30 bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-Liġi iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, fixkel lil Sandra Marie Borg Cardona fil-pussess ta' ħwejjiġha billi ċaħad aċċess għal proprjeta.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat u semgħet il-provi prodotti;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi l-fatti f'dan il-każ huma brevement is-segwenti : -

Illi fid-data rilevanti għal dan il-każ, l-imputat u l-parte civile kienu miżżewġin iżda de facto separati. Il-fond 24, Triq il-Grazzja, Ħaż-Zebbuġ kien il-fond matrimonjali, għalkemm parafernali għall-imputat. Wara li żżewġu kienu għamlu xi erba' snin jgħixu flimkien bħala mara u raġel f'din id-dar u dejjem għexu fl-istess dar.

Il-parte civile tistqarr li kienet allontanat ruħha mill-istess fond f'Lulju 2013, iżda li sad-data tal-inċident meritu tal-kawża de quo kienet baqgħet tmur fir-residenza matrimonjali b'mod regolari. F'dik ir-residenza tgħid li kien għad fadlilha xi effetti personali. Meta kienet tmur kienet iċċempel lill-imputat. Hija kellha ċavetta waħda li kienet tal-bieb ta' barra l-prinċipali għaliex ma kellhiex iċ-ċavetta tal-bieb tar-remissa. L-aħħar darba li kienet daħlet fir-residenza de quo kienet fil-jum ta' qabel dan l-inċident – fit-12 ta' Frar 2014.

Dakinhar tal-inċident tgħid li kienet ċemplet lir-raġel, bħal ma kienet tagħmel solitament biex tavżah li kienet ser tmur fir-residenza de quo. Biss dakinhar huwa kien qallha li ma setgħetx tidħol f'dik id-dar għax ma kellhiex għalfejn tidħol aktar hemmhekk. Hija marret tipprova tiftaħ il-bieb prinċipali tad-dar, daħlet iċ-ċavetta fis-serratura iżda din ma daritx. Minn hemmhekk marret l-għassa tal-Pulizija tagħmel kwerela kontra żewġha.

L-imputat xehed li dakinhar tal-inċident huwa kien qiegħed Ta' Qali jipprepara għall-maratona. Fil-fatt ċemplet il-parte civile u qaltlu li kienet sejra d-dar. Hu qallha biex tistennih ġej minn Ta' Qali. Biss minflok stennietu, qabdet u marret tagħmel il-kwerela. Martu kienet ilha seba' xhur li telqet mid-dar matrimonjali u li huma kienu biss de facto separati. Din id-dar kienet ir-residenza matrimonjali tagħhom.

Ir-raġuni li l-parte civile dakinhar ma setgħetx tiftaħ il-bieb kienet li huwa kien ħalla ċ-ċavetta tal-bieb ta' barra fis-serratura minn naħa ta' ġewwa u minħabba f'hekk meta l-parte civile marret biex tiftaħ biċ-ċavetta tagħha, din ma setgħetx iddur għaliex kienet weħlet minn ġewwa. L-imputat jgħid li l-parte civile setgħet taċċedi għad-dar faċilment għaliex il-bieb tar-remissa kien jinfetaħ sew u l-parte civile kemm il-darba daħlet mill-bieb tar-remissa. Biss meta mistoqsi jekk kienx ċert jekk il-parte civile kellhiex ċavetta tal-bieb tar-remissa, l-imputat jgħid li jista jkun li kien tahielha – anzi kien probabbli li kien tahielha. Kien żgur li huwa ċ-ċwievet it-tnejn kien tahom lil missier il-parte civile. Dan peress li huma kienu jsiefru bejn 4 jew 5 darbiet fis-sena u kien ħalla sett ċwievet ma missier il-mara tiegħu (Chris Borg Cardona) bħal ma kien ħalla wkoll sett ċwievet oħra lil ħutu.

Chris Borg Cardona xehed u kkonferma li fil-fatt verament li l-imputat u l-parte civile kienu jsiefru bosta drabi. Biss dan tenna li kienet biss f'okkażjoni waħdanija li l-imputat kien taħ iċ-ċwievet tar-residenza matrimonjali u meta kienu ġew lura, huwa kien irritorna lura ċ-ċwievet lill-imputat. Darba biss kien taħ iċ-ċwievet u jaħseb li kien taħhomlu lura immedjatament mar-ritorn tagħhom minn barra minn Malta.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

L-elementi tar-reat ta' ragion fattasi ġew elaborati f'diversi sentenzi li trattaw dan ir-reat u fosthom hemm dik is-sentenza mogħtija mill-Imhallef W. Harding fil-kawza "Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et"[1] fejn tenna li dawn jinkludu :-

> a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna ;
> b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;
> c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;
> d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi."

Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn huwa l-elementi li jirriflettu l-analiżi tal-ġurista Francesco Carrara fil-kitba tiegħu "Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale", Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487, para 2850 itenni l-elementi ta' dan ir-reat bħala : -

> 1.o Un *atto esterno* che spogli altri di un *bene che gode,* e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o *Credenza* di far quest'atto in

[1] Qorti Kriminali – Sede t'Appell Kriminali – deċiża nhar l-14 t'Ottubru 1994 pubblikata fil-Vol. XXXII - IV , p. 768.

esercizio di un diritto – 3.o *Coscienza* di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o *Mancanza di titolo piu' grave*.

Dawn l-elementi jridu jissussistu kumulattivament sabiex ir-reat jigi integrat.

Hemm qbil bejn il-partijiet li d-dar de quo kienet ir-residenza matrimonjali tagħhom u li l-parte civile kienet ilha seba' xhur li telqet mill-istess dar matrimonjali meta seħħ l-inċident de quo. Dwar il-posizzjoni tal-konjuġi fir-rigward tad-dar matrimonjali, din il-Qorti ħadet kont ta' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali li jagħtu dawl fuq kif tali problematika għandha tiġi riżolta. Hekk per eżempju fil-kawża : "Il-Pulizija v. Raymond Pace" deċiża fl-1 ta' Diċembru, 2000 dik il-Qorti kienet esprimiet ruħha dwar il-posizzjoni tad-dar matrimonjali b'dan il-mod : -

> Ghar-risoluzzjoni ta' dan il-kaz, wiehed irid jara x'inhi ezattament il-posizzjoni tad-dar matrimonjali ghal dak li jirrigwarda t-tgawdija taghha mill-konjugi. Fil-fehma tal-Qorti, meta l-konjugi jistabilixxu d-dar matrimonjali skond l-Artikolu 3A tal-Kodici Civili, huma jkollhom dritt ta' tgawdija ugwali ta' l-imsemmija dar; huma ghandhom jitqiesu bhala "ko-possessuri" tad-dar matrimonjali indipendentement minn jekk id-dar tkunx tappartjeni, cioe` bhala proprjeta`, kollha kemm hi jew sehem minnha lil parti wahda mill-mizzewgin (ara s-subartikolu (2) tal- Artikolu 3A imsemmi). Bhala ko-possessuri, kull wiehed mill-konjugi ghandu dritt jaghmel uzu ragjonevoli mid-dar b'mod li ma jipprivax lill-parti l-ohra mit-tgawdija ragjonevoli tal-istess dar (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Jannar, 1998 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Georgina Gauci*** li ghaliha ghamlu referenza kemm l- appellant kif ukoll l-Avukat Generali). Il-konjugi jibqghu hekk ko-possessuri anke jekk parti minnhom, fil-pendenza ta' kawza ta' seperazzjoni, titlaq mid-dar matrimonjali, sakemm ma jkunx hemm ordni ta' qorti kompetenti li tiddetermina min mill-konjugi ghandu jibqa', *pendente lite*, f'dik id-dar ad eskluzjoni tal-parti l-ohra (Artikolu 46, Kap. 16). Kieku kien mod iehor, cioe` kieku l-parti li thalli d-dar matrimonjali *pendente lite* titlef id-dritt taghha ta' tgawdija tad-dar u d-dritt li x'hin trid terga' tidhol f'dik id-dar, anke jekk temporanjament, tigi nieqsa incentiva kbira ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet; u, kif inhu risaput, il-ligi tiffavorixxi r-rikonciljazzjoni (ara l-Artikoli 37(2), 42(1) U 58(1) tal-Kap. 16). Ma huwiex korrett l-appellant meta jikkontendi li ghax martu abbandunat id-dar matrimonjali hi "ddekadiet mid-dritt ta' l-uzu u l-pussess tad-dar". Id-dekadenza li tikkommina l-ligi meta parti fiz-zwieg titlaq mid-dar matrimonjali hija fir-rigward tad-dritt ghall-manteniment mill-parti l-ohra, u dana biss kemm-il darba l-parti li tkun telqet mid-dar tirrifjuta minghajr raguni valida li tirritorna lura f'dik id-dar (Artikolu 6, Kap. 16). Ghalhekk, meta fil-pendenza ta' kawza ta' separazzjoni parti fiz-zwieg thalli d-dar matrimonjali – u salv dejjem sakemm ma jkunx hemm ordni tal-qorti kompetenti skond it-tieni parti tal-Artikolu 46 imsemmi – il-parti l-ohra ma tista' taghmel xejn intiz sabiex jimpediha milli jkollha access liberu ghad-dar matrimonjali. Veru li l-parti li tkun halliet id-dar matrimonjali ma jkollhiex il-pussess "materjali" tad-dar u tal-oggetti fid-dar, izda jkollha dejjem il-pussess "legali".

Din il-kawża ġie ċitata wkoll b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Kevin D'Agostino" deċiża nhar il-21 ta' Novembru 2003.

Fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Lawrence Camenzuli" deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Settembru 2004 ġie deċiż ukoll li l-fatt li mara kienet telqet mid-dar matrimonjali madwar tliet snin qabel ma kienx jagħti lok lir-raġel li liberament jibdel is-serratura tal-bieb ta' barra biex jeskludi l-aċċess ħieles lill-istess martu mill-fond matrimonjali.

F'dan il-każ in eżami, il-Qorti ma għandhiex prova li l-imputat b'xi mod biddel is-serratura tad-dar tar-residenza tiegħu. Iżda mill-banda l-oħra skont kif intqal fis-sentenza "Il-Pulizija vs Raymond Pace" u kif ukoll imtenni fil-kawża "Il-Pulizija vs Kevin D'Agostino" hawn fuq imsemmija: "il-parti l-ohra ma tista' taghmel xejn intiz sabiex jimpediha milli jkollha access liberu ghad-dar matrimonjali". Il-kelma "xejn" tinkludi mhux biss il-bdil tas-serratura tal-bieb ta' barra iżda tinkludi wkoll azzjonijiet oħra li jistgħu ikunu anqas drakonjani u invażivi minn hekk – tinkludi wkoll sitwazzjonijiet fejn għalkemm ma tkunx inbidlet is-serratura tal-bieb ta' barra, tiġi magħmula xi azzjoni, tkun xi tkun, li permezz tagħha jiġi maħluq ostaklu li permezz tiegħu il-parti l-oħra b'xi mod tkun prekluża milli tkun tista taċċedi liberament għad-dar matrimonjali.

Minn dak mistqarr mill-parte civile kif ukoll minn dak mistqarr mill-imputat lil PS1125 Alfredo Mangion, l-imputat ma riedx li martu tmur fir-residenza tiegħu jekk ma jkunx preżenti huwa stess. Anzi mar pass oltre fejn stqarr li sakemm huwa ma jkunx id-dar ma kienx ser iħalli lil martu tidħol weħidha. Dan juri li l-intenzjoni tiegħu kienet li martu ma jkollhiex aċċess ħieles għad-dar matrimonjali.

Din id-deposizzjoni ta' PS1125 li tista' tittieħed bħala prova li intqal dan il-kliem mill-imputat lil PS1125 (iżda mhux prova tal-kontenut jew tal-veridiċita' ta' dak mistqarr), l-istess stqarrija tirrijekeġġja dak mistqarr mill-parte ċivile fir-rigward ta' dak li kien il-kliem ta' żewġha mistqarr lilha fuq it-telefon meta tgħid li qallha li meta kelmitu stqarr magħha li ma riedhiex li tidħol fid-dar, sakemm ma jkunx hemm hu.

Fil-fatt il-parte civile tgħid li meta hija pruvat li tidħol fir-residenza de quo, u pruvat iddawwar iċ-ċavetta tal-bieb prinċipali ta' barra – għal xi raġuni li ma kienetx taf tispjega, din iċ-ċavetta ma daretx u ma setgħetx tidħol fir-residenza. Kien għalhekk ġara xi ħaġa fis-serratura tal-bieb li minħabba fiha kienet impeduta li tidħol liberament fid-dar matrimonjali.

Għalkemm din il-Qorti ma għandhiex prova li l-imputat biddel is-serratura tal-bieb ta' barra tqis li l-Prosekuzzjoni pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi li dakinhar l-imputat kien preċedentement għamel xi azzjoni konxja li permezz tagħha ħoloq ostaklu li permezz tiegħu l-parte civile kienet prekluża milli tkun tista taċċedi għar-residenza de quo. Huwa kien qiegħed iċ-ċavetta tal-bieb ta' barra fis-serratura tal-bieb prinċipali minn naħa ta' ġewwa b'mod li minħabba f'hekk, kif ġieli jiġri, min jipprova jiftaħ il-bieb minn naħa ta' barra ma jkunx jista jagħmel dan.

Il-Qorti ssibha bi tqila temmen li, f'dan il-każ, din kienet mera ko-inċidenza. Verament li f'ċirkostanzi differenti, l-Qorti kienet tkun proposensa temmen li, sal-grad tal-probabbli, dan il-fatt setgħa kien verament każ fortuwitu – li ma kienx pero għall-kliem li ġie rapurtat li qal l-imputat lill-parte civile u lil PS1125. Meta l-Qorti tqis dan il-fatt **magħqud** mar-rieda tal-imputat mistqarra lill-parte civile li hi ma tidħolx fid-dar – jew sakemm ma jkunx hemm hu

preżenti jew għaliex skontu l-parte civile ma kellhiex għalfejn tidħol aktar hemmhekk - isawwar fiha l-konvinċiment morali li l-fatt li l-parte civile dakinhar ma setgħetx tidħol fir-residenza mhux għal raġuni aċċidentali jew fortuwita iżda minħabba li l-b'xi mod is-serratura tal-bieb ta' barra kienet ġiet imblukkata minn ġewwa.

Il-fatt li l-imputat ma kienx ċert jekk il-parte civile ma kellhiex iċ-ċavetta tar-remissa ukoll ikompli jimmilita kontra t-teżi tiegħu. Ix-xiehda tal-imputat fuq dal-punt magħquda max-xiehda tal-parte civile u ma' dik ta' Chris Borg Cardona rigward jekk il-parte civile kellhiex ċavetta tal-bieb tar-remissa, tikkonvinċi moralment lil Qorti li fil-fatt il-parte civile ma kellhiex ċavetta għar-residenza de quo. Dan wassal ukoll għalbiex il-parte civile ma setgħetx tidħol f'dik ir-residenza dakinhar tal-inċident de quo.

Il-Qorti tista tifhem li l-imputat ħass għall-fatt li martu kienet abbandunat id-dar matrimonjali seba' xhur qabel u li daru ma kienetx xi lukanda. Tifhem ukoll li setgħa ħass li kellu jipproteġi l-interessi tiegħu f'dik id-dar li kienet ukoll proprjeta parafernali tiegħu. Iżda r-rimedju ma kellux jittieħed *di privato braccio* minnu iżda kellu jittieħed bil-mezz tal-awtorita Ġudizzjarja. Hekk jgħid l-Arabia dwar dan il-punt u cioe li l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiza li tissanzjona t-turbativa tal-pussess ta' persuna *per se* iżda tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni unilaterali da parti tal-privat :

> Il che da una parte dimostra che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' *mezzi dell'autorita' pubblica*. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto, sono fuor di dubbio necessariamente due cose, a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio."[2]

U dan jagħmel sens anke fil-loġika tar-reat innifsu għaliex skont kif jgħid il-Carrara fil-paragrafu 2851 tal-ktieb tiegħu "Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale"[3] : -

> L'atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia non delinque; perche' la legge protegge lo stato quo, il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża aktar il-fuq ċitata "Il-Pulizija vs Raymond Pace" : -

> S'intendi, dan ma jfissirx li minn jibqa' fid-dar matrimonjali ma jistax jiehu dawk il-prekawzjonijiet ragjonevoli sabiex jassigura, per ezempju, li terzi persuni li ma ghandhomx dritt jidhlu fid-dar ma jidhlux. Tali prekawzjonijiet ragjonevoli jistghu jkunu jirrikjedu t-tibdil tac-cavetta tal-bieb ta' barra; pero` jekk isir hekk irid jigi assigurat mill-banda l-ohra li l-parti li tkun halliet id-dar matrimonjali jkollha l-

---

[2] "I Principi del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie", Francesco Saverio Arabia, Vol 3, Napoli 1858, Parte III, Art. 164 a 173, pagina 45.
[3] Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487.

possibilita` li tidhol fid-dar x'hin trid, u, jekk tkun trid, anke li tibqa' f'dik id-dar.

Ir-rimedju li kellu l-imputat huwa wkoll spjegat fis-sentenza "Il-Pulizija vs Lawrence Camenzuli" aktar il-fuq ċitata fejn jingħad li :-

> Ma jirrizultax li fil-perijodu in kwistjoni kien hemm ordni tal-qorti kompetenti li kienet tawtorizzah jaghmel hekk, ossia li kienet tiddetermina li hu seta' joqghod fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' martu. Jekk kien qieghed jibza' ghall-inkolumita` tieghu, l-appellant kellu rimedji gudizzjarji li seta' jaghmel uzu minnhom - seta' per ezempju dak iz-zmien irrikorra quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili skond l-artikolu 6A tal-Kap. 16. Ma setax, pero`, jiehu l-ligi f'idejh u jippriva lil martu mit-tgawdija tad-dar matrimonjali u ta' l-oggetti ta' go fiha….u sakemm ma hemmx sallum ordni appozita minn Qorti kompetenti, ghandu jassigura li martu jkollha access liberu ghad-dar matrimonjali.

***<u>GĦALDAQSTANT : -</u>***

Wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti qegħdha ssib lill-imputat Joseph Micallef ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta peress li tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tenut kont tal-imputazzjonijiet u tan-natura tal-każ hemm lok li jiġu applikati d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, wara d-debita twissija skont il-Liġi, qegħdha tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien xahar millum.

***Moghtija illum l-14 ta' Novembru 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Il-Magistrat Aaron M. Bugeja.***